# L-Unjoni Ewropea tieħu azzjoni kontra Malta fuq id-derogi kollha tal-kaċċa u l-insib

## Tiftaħ żewġ każi ta' ksur dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa u l-insib, tiddeplora s-sitwazzjoni attwali f'Malta u ssejjaħ lill-Gvern biex iwaqqaf dawn il-prattiċi

Id-derogi kollha tal-kaċċa u l-insib li jinsabu fis-seħħ f'Malta issa huma soġġetti għal Proċeduri ta' Ksur li fetħet illum il-Kummissjoni Ewropea kontra Malta u l-Gvern Malti.

F'konferenza tal-aħbarijiet aktar kmieni llum, BirdLife Malta tat ir-reazzjoni tagħha għall-aħbar mogħtija mill-Kummissjoni li kienet fetħet każi ġodda ta' ksur kontra Malta fuq:

- Id-deroga tal-kaċċa fir-rebbiegħa li tippermetti l-kaċċa għas-Summien, ***li sejħitilha paraventu għall-kaċċa illegali tal-Gamiema, li hija speċi protetta.***
- Id-deroga tal-insib li tippermetti l-insib għall-Pluviera u l-Malvizz, ***li ddeskrivietha bħala waħda li mhux qed tiġi infurzata kif suppost u qed twassal biex jinqatlu speċi oħra.***
- L-insib tal-għasafar tal-għana għal skopijiet ta' riċerka – deroga li ddaħħlet għall-ewwel darba din is-sena bi sfida għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-2018 ***u li l-Kummissjoni Ewropea tgħid li hija mod kif wieħed idur mal-verdett tal-Qorti Ewropea billi jippermetti l-insib għall-għasafar tal-għana f'kundizzjonijiet simili għal dawk li kien hemm qabel ingħata l-verdett, imma bl-iskuża ta' deroga ġdida.***

Fl-ewwel pass minn tlieta li l-Unjoni Ewropea tista' tieħu kontra kull pajjiż jekk ma jimxix mal-liġijiet Ewropej – f'dan il-każ id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar – il-Kummissjoni Ewropea bagħtet żewġ **Ittri ta' Intimazzjoni** lil Malta. Il-Gvern issa għandu xahrejn ċans biex iwieġeb għall-argumenti tal-Kummissjoni u jirrimedja s-sitwazzjoni. Jekk jonqos milli jagħmel dan il-

Kummissjoni toħroġ dik li tissejjaħ **Opinjoni Motivata,** li tkun it-tieni twissija lil Malta. It-tielet u l-aħħar stadju jkun li **Malta tittieħed quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja b'kawża li tinfetaħ kontriha.**

Fl-istqarrija li ħarġet illum biex tħabbar deċiżjonijiet ta' ksur tal-liġi ambjentali fil-konfront ta' diversi pajjiżi fuq numru ta' temi, il-Kummissjoni Ewropea sejħet lil Malta biex twaqqaf dawn il-prattiċi għax qed jikkaġunaw il-qtil indiskriminat u deliberat ta' għasafar slavaġ bi ksur ta' Artiklu 5 tad-Direttiva dwar l-Għasafar tal-Unjoni Ewropea.

Matul il-konferenza tal-aħbarijiet, is-Segretarju Ġenerali ta' BirdLife Malta Saviour Balzan, il-Kap Eżekuttiv Mark Sultana u l-Kap tal-Konservazzjoni Nicholas Barbara appellaw lill-Gvern biex jagħti kas tat-twissijiet tal-UE u immedjatament jissospendi d-derogi. Huma insistew li l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ħadet azzjoni fuq id-deroga l-ġdida tal-insib għall-għasafar tal-għana ftit ġimgħat biss wara li nfetaħ l-istaġun, juri b'mod ċar li l-UE hija, kif għandu jkun, xettika dwar l-hekk imsejjaħ "studju xjentifiku" u jagħti raġun lil BirdLife Malta f'dak li kienet qed tgħid.

Il-Kummissjoni sejħet ukoll lil Malta biex tapplika b'mod korrett id-Direttiva dwar l-Għasafar li tirrikjedi li jkun hemm sistema ġenerali ta' ħarsien għall-għasafar u tippermetti biss derogi soġġett għal kundizzjonijiet stretti. L-istqarrija tgħid ukoll li l-Patt Ekoloġiku Ewropew (European Green Deal) u l-Istrateġija Ewropea għall-Bijodiversità (European Biodiversity Strategy) jindikaw li huwa kruċjali li l-UE twaqqaf it-telf tal-bijodiversità tagħha billi tipproteġi u tirrestawra l-bijodiversità.

Fi spjegazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni f'Malta, il-Kummissjoni tgħid li "Malta ilha tawtorizza **derogi għall-kaċċa tas-Summien fir-rebbiegħa** kull sena mill-2011 u derogi għall-**insib fil-ħarifa tal-Malvizz u l-Pluviera** kull sena sa mill-2012. B'mod sistematiku dawn id-derogi naqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi, **b'mod partikolari minħabba s-superviżjoni fqira tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-derogi, li qed iwassal biex jiġu affettwati speċi oħrajn li ma jkunux fil-mira.** Malta qed toqgħod fuq informazzjoni insuffiċjenti jew mhux preċiża dwar il-popolazzjonijiet tal-għasafar u l-alternattivi disponibbli, u dan qed iwassal biex tonqos milli tissodisfa l-kundizzjonijiet bażiċi għall-għoti ta' tali derogi. Barra minn hekk, l-għadd kbir ta' għasafar li qed jinqatlu illegalment f'Malta jfissru nuqqas kbir u sistematiku li mhux qed iħalli li tiġi stabbilita sistema ġenerali ta' protezzjoni kif jitlob Artiklu 5 tad-Direttiva tal-Għasafar.

B'mod separat Malta dan l-aħħar awtorizzat ukoll insib għall-għasafar tal-għana għal skop ta' riċerka, wara li kienet ilha tippermetti l-insib għal dawn l-għasafar għal skopijiet rikreattivi għal bosta snin, azzjoni li nstab li mhix

konformi mad-Direttiva tal-Għasasfar mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. **B'mod partikolari, il-Kummissjoni tqis li d-deroga l-ġdida li ġiet adottata f'Ottubru 2020 u li tippermetti l-insib tal-għasafar tal-għana għal skopijiet ta' riċerka kienet intiża biss biex il-Gvern idur mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, billi jippermetti l-insib għall-għasafar tal-għana f'kundizzjonijiet simili għal dawk li kien hemm qabel ingħata dan il-verdett, anke jekk intuża reġim differenti."**

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-b4YdGYcdQM**

- Għażla ta' ritratti mill-konferenza tal-aħbarijiet tal-lum (Ritratti ta' Katarzyna Pacon)